# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Edit. C. Zammit Marmarà M.B.E.*

Nru. 59 — IT-TLIETA, L-1 TA' MEJJU 1945. — Nru. 59


# Il-Proġett Ġdid Tal-Bejgħ Tal-Ħaxix

(SUR. R. BIASINI, DIRETTUR TAL-BIEDJA)

*FUQ mozzjoni biex jitneħħa l-kontroll minn fuq il-ħaxix li saret f'laqgħa tal-Kunsill tal-Gvern f'Novembru li għadda, il-Gvern kien wieġeb illi hu jaqbel biex jitneħħa l-kontroll, basta li sat-30 ta' April, 1945 ikun żgur li hemm xi mezzi oħra biex hu jkun ... jiżgura prezziiet xierqa sew għall-bdiewa u kemm għal min jiekol. Il-Bord tal-Biedja kien għam... xi rikkmandazzjonijiet fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar, 1945, u dawn ir-rikkmandazzjonijiet ġew milqugħa mill-Gvern u r-riżultat kien li fl-1 ta' Mejju, 1945 sejjer jibda proġett ġdid għall-bejgħ tal-ħaxix mill-pitkaliji.*

*L-iżjed pont importanti u li jinteressa lill-bdiewa huwa l-fatt li l-bejgħ tal-ħaxix għandu jibda jsir bil-vuċi, jiġifieri mhux bis-sefsif fil-widnejn. Dan il-pont kien ġie darb'oħra mitkellem f'laqgħat tal-Pitkali u tal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa, u l-Gvern kien daħħal din il-ħaġa fil-Liġi tal-Pitkali li ħarġet fl-1942, izda mħabba l-emerġenza tal-gwerra ma tħaddmitx. Dan il-pont ma tantx għoġob lil xi bdiewa għaliex beżgħu li fiċ-ċirkustanzi tal-lum dan jista' jaħdem kontrihom. Il-Bord tal-Biedja reġa' ikkunsidra l-kwistjoni kollha u ddeċieda illi l-bejgħ għalissa jibqa' jsir bis-sefsif fil-widna bħal qabel,* imma malli l-bejgħ isir, il-pitkal li jkun jirkanta jrid jgħajjat il-prezz li bih inbiegħ l-oġġett li jkun, kif ukoll isem min xtara. *B'dan il-mod ma jistax ikun hemm qerq, għaliex il-vendituri jkunu kollha hemm jisimgħu l-prezz, u allura l-pitkal ma jistax jippreferixxi lil dan jew lil dak il-venditur, kif l-anqas ibiegħ bil-"Black Market."*

*Biċċa oħra fil-proġett il-ġdid li tinteressa lill-bdiewa hu l-fatt illi l-pitkali ma għandhomx "pool" waħda. Kif kien isir il-bejgħ fil-proġett ta' qabel, il-Pitkal tas-Siġġiewi, bħallikieku, ma tantx kien jimpurtah jekk il-bdiewa ta' dak ir-raħal jeħdux il-biegħa għandu jew iniżżluhiex Ħaż-Żebbuġ, għaliex hu kien jieħu sehmu xorta waħda, jiġifieri illi l-qliegħ kollu li kien isir mill-kummissjoni li kellhom l-pitkali, kien jinqasam bejn il-pitkali skond l-importanza li kellu l-pitkal qabel ma l-pitkali ngħaqdu, imma mhux skond ix-xogħol li jgħaddi minn idejh. Hawnhekk il-bdiewa kienu jgemgmu daqsxejn, għaliex kien jidhrilhom illi b'hekk il-pitkal ma għandu xejn li jġagħlu jieħu interess fil-bdiewa tiegħu.*

*Il-proġett il-ġdid jifred il-pitkaliji minn xulxin u jgħaqqad biss il-pitkali ta' kull pitkalija, jiġifieri: il-pitkali ta' Ħaż-Żebbuġ huma "pool" fihom infushom, iżda jekk bidwi minn Ħaż-Żebbuġ iniżżel il-biegħa tiegħu l-Marsa, allura l-pitkali ta' Ħaż-Żebbuġ jitilfu l-kummissjoni minn fuq dak il-ħaxix jew frott u jirbħuha l-pitkali tal-Marsa. Dan iġib kompetizzjoni raġunevoli bejn pitkalija u oħra, u allura jmiss lill-pitkali ta' kull pitkalija li jittrattaw lill-bdiewa sewwa biex ma jitilfuhomx.*

*Il-pont l-ieħor huwa illi fil-proġett il-ġdid il-ħaxix ikun jeħtieġlu jinbiegħ fil-pitkalija fejn jiġi kunsinnat mill-bidwi, għaliex it-"trucks" tal-Gvern ma jaħdmux iżjed.*

*Fuq kollox, malli jsir il-bejgħ, allura jsir minnufih "voucher" ta' dak il-bejgħ sew lill-bidwi u kemm ukoll lill-venditur. Dan ifisser illi l-Gvern sejjer jikkontrolla "l-Flus". Jiġifieri li hu (il-Gvern) jiġbor il-flus minn għand il-venditur, iħallas hu lill-bidwi u jħallas il-kummissjoni lill-pitkali.*

*Mela minn meta dan il-proġett il-ġdid jibda jaħdem fl-ewwel ta' Mejju, u fil-waqt li jkun jaħdem, aħna għandna nagħmlu studju sewwa ta' kif nistgħu ntejbu l-kondizzjonijiet kollha; jekk ikun hemm xi difetti nippruvaw inneħħuhom jew insewwuhom, sakemm jirnexxilna li nistabbilixxu swieq li jitmexxew kif titlob il-biedja tal-lum.*

## IL-BIEDJA F'MEJJU

*(Editur tal-Propaganda)*

### Fil-Għalqa

F'MEJJU l-wiċċ tar-raba' jibda jisħon, u, jekk tagħmel xi raxxa xita, stennicha li tagħmel il-ħsara fis-silla maħsuda, fil-qamħ u fix-xgħir. Ma' dħul dan ix-xahar, is-sħana tibda tinħass sewwa; xi mindaqqiet ir-riħ ikun sħun u jagħmel l-iħtriq jew ħruq in-nar li bih il-qamħ jinħataf u ma jimliex. B'dan l-iħtriq il-frott jiġi li ma jagħqadx u s-siġar jiflaqru.

Mejju hu wkoll imsemmi għar-riħ qawwi li kultant jagħmel—"Mejju miriieħ bid-deni stennieh"—jgħid il-Malti.

F'dan ix-xahar jinħasad ix-xgħir u jinqata' l-ful u l-piżelli għan-niexef. Jitħawwel il-pastard u l-kaboċċi u x-xitel tat-tadam.

### Fil-Ġnien

Bħalissa ma hemm xejn x'tagħmel fil-ġnien ħlief li ddur dawra x-xtieli tal-bittieħ, ħjar, qara' twil, tadam eċċ., jiġifieri wieħed inaddafhom mill-ħaxix ħażin u jgħaddihom bil-kubrit sabiex ma jimtessux. Għall-aħħar tax-xahar arġa' agħti xi ftit demel mat-tisqija u tinsiex tgħinhom bis-Sulfat ta' l-Ammonja sabiex ix-xtieli ġġagħlhom joħorġu l-ibtan ġodda. Wieħed jista' jiżbor il-qara' twil sabiex dan joħroġ friegħi ġodda bl-imsierek tal-qara'. Il-fażola ħadra bdiet tikber sewwa u għandek tissokta ssaqqiha bl-ilma biex ma tħallihiex tidbiel bil-għatx. L-artiċokk għandu jiddemmel u jissaqqa tajjeb. F'dan ix-xahar jilħaq il-ħass sabiħ ikkabuċċat u ħass twil. Il-frawli ta' Malta qiegħda tħammar ġmielha u tajjeb jekk wieħed iqiegħed it-tiben jew karti fil-ħmiemel biex il-frawli ma titħammiġx.

### Fil-Ġnien tas-Siġar tal-Frott

Agħżaq u demmel il-larinġ u agrumi oħra. L-aħjar żmien biex tiżbor dawn huwa minn Mejju sa Settembru. Agħżaq u għaddi bil-kubrit id-dwieli. Ta' min isaqqi n-nespli biex din tħaxxen il-frott u tfittex tagħmel rħas ġdid. It-taħwil il-ġdid tal-frott irqiq għandu jissaqqa ta'

(Jissokta fil-faċċata 2)

